# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Numru 1195/2023 DC

***Carmel Micallef***

***vs***

***Jeffrey Attard***

## Illum 10 ta' April 2025

## Il- Qorti;-

Rat **ir-rikors ta' Carmel Micallef** ippreżentat fit-18 t' Ottubru, 2023 permezz ta' liema ppremetta:-

> *Illi r-rikorrent u l-intimat kienu ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-ewwel t'April tas-sena elfejn u sittax (01.04.2016) fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef (anness mar-rikors u mmarkat Dok 'A'), fejn l-intimat kkostitwixxa ruħu bħala vera, cert u likwidu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000);*
>
> *Illi t-terminu prefiss f'dan il-kuntratt tal-2016 ġie prorogat b'kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef datat tal-erbgħa t'April tas-sena elfejn u sbatax (04.04.2017) (anness mar-rikors u mmarkat Dok 'B');*
>
> *Illi t-terminu konċess għar-rifużjoni ta' din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet skont kif pattwit flimkien mal-istess kuntratt skada fl-ewwel t'April tas-sena elfejn u tmintax (01.04.2018), u l-intimat baqa' ma saldax id-dejn li għalhekk għadu dovu.*
>
> *Illi peress li għadda t-terminu ta' ħames snin mid-data tal-istess kuntratti, ir-rikorrenti qiegħed permezz tal-preżenti jitlob l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli*

*Qorti a termini tal-artikolu 258 (c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimat għall-kreditu dovut;*

U wara li hekk ippremetta talab lill-Qorti:-

*Stante illi għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-istess kuntratti u li d-dejn għadu m'huwiex saldat u dan ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi ukoll li r-rikorrent jikkonferma bil-gurament li ix-xorta ta' dejn li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tiegħu u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut, joghgobha tawtorizza r-rirkorrenti sabiex ikunu jista' jeżegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-ewwel t'April tas-sena elfejn u sittax (01.04.2016) kif sussegwentement prorogat bl-att tal-erbgħa t'April tas-sena elfejn u sbatax (04.04.2017), it-tnejn ippublikati fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef, anness mar-rikors, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din il-Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat li **l-intimat Jeffrey Attard**, debitament notifikat bir-rikors promotur **naqas milli jippreżenta risposta** u naqas ukoll milli jidher għas-smigħ tal-kawża.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fl-1 t'April 2016 ġie ppublikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef[1] permezz ta' liema Jeffrey Attard ikkostitwixxa ruħu bħala debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' €55,000, liema somma kellha titħallas fi żmien sena u wara dik is-sena, jekk il-ħlas ma jiġix saldat kellhom jibdew jiddekorru l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%).

Illi jirriżulta ukoll li permezz ta' kuntratt ieħor datata 4 t' April 2017[2] iż-żmien għal-ħlas ġie estiż sal-1 t'April 2018.

Illi fl-affidavit tiegħu[3] ir-rikorrent jgħid illi għadu ma tħallasx l-ammont indikat fl-imsemmija kostituzzjoni ta' debitu u peress li għaddew aktar minn ħames snin qed jitlob, ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jkun jista' sabiex il-Qorti tawtorizza l-esekuzzjoni ta' dan id-dejn.

Ikkunisdrat

Illi skont l-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 wara

[1] Fol 40
[2] Fol 42
[3] Fol 39

*l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

Illi l-kostituzzjoni ta' debitu hija waħda mit-titoli eżekuttivi msemmija fl-artikolu 253 tal-Kap 12:

*253. Huma titoli esekuttivi:*

*(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom,meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;*

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li:

*l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti*[4].

Illi aktar minn hekk huwa stabbilit ukoll li l-proċedura stabbilita fl-artikolu 258(c) ma tiddipendiex fuq l-ittra uffiċjali imsemmija fl-artikolu 256(2) tal-istess Kap 12. Fis-sentenza mhgħotija fil-kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta vs John Borg**[5]

*Ma jidhirx li l-bank għamel xi proċedura qabel intavola dan ir-rikors. Dan qiegħed jingħad peress li ai termini tal-Artikolu 256(2) tal Kapitolu 12 biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, jeħtieġ li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jiġi eżegwit bil ħruġ tal-atti eżekuttivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli.*

*Dan magħdud, "Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi ttitolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux*

[4] **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**: Prim'Awla 18 ta' April 2002; mhux appellata
[5] Prim'Awla 30 ta' Ġunju 2020, konfermata fl-appell fit-30 ta' Novembru 2022.

> *applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tirravviva t-titolu eżekuttiv biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew tlett snin[6] mindu seta' jiġi eżegwit." (Bank of Valletta plc vs. Sundry Limited et (Rik. Ġur. Nru. 1006/14) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 t'Ottubru 2015) Għaldaqstant il-fatt li l-bank ma bagħatx ittra lid-debitur biex iħallsu lura d-debitu ma hu ta' ebda rilevanza għal din il-proċedura għax il-bank qed jitlob biss li t-titolu jerġa' jingħata forza għal eżegwibilità futura tiegħu. Billi jirriżulta li għaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jiġi eżegwit il-kuntratt, il-kreditur kellu jistitwixxi din il-proċedura immirata biss għar-ravvivar tat-titolu eżekuttiv u konsegwentement u sussegwentement l-eżegwibilità tiegħu skond l-Artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12.*

Illi fil-każ in eżami jirriżulta li verament jeżisti titolu eżekuttiv fil-forma ta' att pubbliku dwar dejn ċert likwidu u dovut skond l-artikolu 253(b), u jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrent l-ammont hemm kanoniżżat għadu dovut.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tawtorizza lir-rikorrenti jgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv gia kanonizzat permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-1 t'April tas-sena 2016 kif sussegwentement prorogat bl-att notarili tal-4 t'April tas-sena 2017, it-tnejn ippublikati fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef. Spejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimat.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[6] Fiż-żmien relattiv l-artikolu 258(c) kien isemmi tlett snin u mhux ħames snin.